MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 1062/1989/1

**Albert Mizzi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Air Malta Company Limited u b' nota tal-15 ta' Mejju, 1992 Joseph Tabone assuma l-atti tal-kawza flok Albert Mizzi u b'degriet tad-9 ta' Dicembru 1997 Louis Grech assuma l-atti tal-kawza flok Joseph N. Tabone**

**vs**

**John Mousu` f'ismu proprju u ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` "en commandite" "Mousu` Brothers"**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

B'citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Ottubru, 1989 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc l-attur nomine ppremetta illi l-konvenut proprio et nomine ghandu jaghti lis-socjeta` attrici l-ammont komplessiv ta' disgha u hamsin elf mitejn u tmienja u sebghin lira Maltija erbatax-il centezimu u hames millezimi (LM59,278.14,5) prezz ta' biljetti ta' l-ivvjaggar bl-ajru u hlasijiet ohra konnesi nkluzi f'dan l-ammont id-debitu cedut mill-istess konvenut bil-kuntratt tat-3 ta' Marzu, 1982 atti Nutar Joseph Brincat liema debitu l-istess konvenut proprio et nomine ggarantixxa l-ezigibilita` tieghu; illi l-konvenut fil-kwalita` tieghu premessa naqas li jaghmel il-hlas opportun nonostante d-diversi rikjami ufficjali; l-attur nomine ghalhekk talab li dik il-Qorti:-

1. tiddecidi skond it-talba tal-attur nomine bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
2. tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta' disgha u hamsin elf mitejn u tmienja u sebghin lira Maltija, erbatax-il centezimu u hames millezini (LM59,278.14,5) prezz ta' biljetterija ta' l-ivvjaggar bl-ajru u hlasijiet ohra, inkluz id-debitu cedut bil-kuntratt tat-3 ta' Marzu 1982 atti Nutar Joseph Brincat u dan kif fuq inghad.

Bl-imghaxijiet kollha kuntrattwali u legali, u bl-ispejjes komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni u tal-ittri ufficjali tas-26 ta' Ottubru 1987 u tat-3 ta' Lulju 1989 kontra l-konvenut proprio et nomine ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

B'degriet tal-11 ta' Ottubru, 1989 il-konvenut proprio et nomine nghata l-fakolta` jikkontesta t-talba attrici u ghalhekk b'nota pprezentata fis-27 ta' Ottubru, 1989 eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament in kwantu li l-kawza saret kontra John Mousu` personalment huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa qatt ma kellu

relazzjoni personali mal-Air Malta Company Limited u ghandu d-dritt jitlob il-beneficcju tal-eskussjoni in kwantu huwa biss socju f'Mousu Brothers u, ghalkemm ghandu responsabbilita` limitata, is-socjeta` ghandha personalita` guridika distinta u ghalhekk huwa biss sussidjarjament responsabbli ghad-djun li talvolta jistghu jigu dovuti mis-socjeta`.

2. Illi Mousu` Brothers ma hix socjeta` "en nom collectif" izda socjeta` "en comandite" u ghalhekk giet indikata erronejament fic-citazzjoni attrici bil-konsegwenza li ghandha tigi liberata wkoll mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi fil-meritu s-somma mitluba mis-socjeta` attrici mhux dovuta minn Mousu` Brothers stante li, kwantu ghall-parti mis-somma mitluba din tinsab preskritta kif irid jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kwantu ghall-parti ohra din diga thallset per mezz ta' cessjoni u trasferiment ta' kreditu minn Mousu` Brothers lis-socjeta` attrici, liema kreditu kien dovut lill-konvenut nomine minn terzi, u dan gie kompensat akkont ta' debitu dovut minn Mousu Brothers lill-Air Malta Company Limited, u li sar bis-sahha ta' att pubbliku datat 3 ta' Marzu 1982, atti Nutar Dottor Joseph Brincat hawn anness u markat Dokument "D"; u kwantu ghar-rimanenti s-socjeta` konvenuta hija kreditrici tas-socjeta` attrici f'somma superjuri skond ir-rikonvenzjoni maghmula flimkien ma dan l-att, u ghalhekk il-bilanc li talvolta jista` jinsab dovut ghandu jinqata minnha.

**Il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta.**

Il-konvenut nomine fil-kapacita` tieghu ta' "managing partner" tas-socjeta` konvenut pprezenta kontro-talba fejn ippremetta:

illi Mousu` Brothers fil-perjodu bejn il-1974 u it-13 ta' Ottubru, 1976 bieghet kwantita` ta' biljetti tal-ivjaggar u ma irciviet l-ebda kummissjoni fuqhom peress li ma kinitx ghadha appuntata bhala agent I.A.T.A. u dana kien kagunat minhabba dewmien bla bzonn da parti tal-Air Malta Company Limited, liema dewmien ikkaguna danni lill-Mousu` Brothers f'telf ta' kummissjoni; illi Mousu` Brothers giet prekluza li tippartecipa fil-kummissjoni ta' incentiva ghas-sena 1978 u dan minhabba fil-fatt tad-

dewmien sabiex Mousu` Brothers saret agent I.A.T.A; illi matul il-perjodu 1978 –1981 Mousu` Brothers operat b'success traffiku provenjenti minn Manchester tramite l-British Airways, pero` t-traffiku taghha beda jigi maghmul tramite l-Air Malta mill-1981 izda minhabba f'kompetizzjoni llecita maghmula minn ufficjal tal-Air Malta f'Manchester Mousu` Brothers mhux biss tilfet il-bejgh kollu izda ghamlet telf ukoll; illi nhargu diversi invoices mill-Air Malta Company Limited mill-1978 l-hawn li thallsu minn Mousu` Brothers liema invoices gew mahruga indebitament stante li s-somom indikati fihom bhala dovuti minn Mousu` Brothers ma kienux fil-fatt dovuti jew totalment jew fil-parti l-kbira taghhom, u dana kollu li jinsab kontenut fil-paragrafi precedenti u fil-paragrafu presenti jidher spjegat ahjar fiz-zewg ittri hawn annessi markati dokument "E"; dan premess is-socjeta` konvenuta talbet:-

1. li l-attur nomine jigi dikjarat responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut nomine msemmija fl-ewwel tlett paragrafi ta' din il-kontro talba;
2. tillikwida dawn l-istess danni f'somma li din il-Qorti jidhrilha xierqa u
3. tikkundanna l-istess attur nomine jhallas is-somma hekk likwidata lill-konvenut nomine; u inoltre
4. tiddikjara li s-somom imhallsa indebitament mill-konvenut nomine lill-attur nomine skond kif imsemmi fir-raba' paragrafu ta' din il-kontro-talba jigi (sic) moghtija lura lill-konvenut nomine mill-attur nomine; u
5. tikkundanna lill-istess attur nomine jhallas din is-somma msemmija f'talba numru (4) lill-konvenut nomine.

Bl-ispejjes kontra l-attur nomine sabiex jibqa' ngunt minn issa sabiex jidher personalment in subizzjoni.

B'nota tas-7 ta' Novembru, 1989 is-socjeta` attrici pprezentat l-eccezzjonijiet taghha ghat-talba rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta fejn jinghad:-

1. Illi in linea preliminari l-pretensjoni dedotta hi preskritta a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili in kwantu in materja kummercjali l-azzjoni ghad-danni naxxenti minn rapport simili hi preskritta bid-dekors ta' hames snin u ma jidhirx li dan it-terminu gie b'xi mod sospiz jew interrott;

2. Sekondarjament ir-ripetizjoni ta’ indebitu mhiex ammessa fil-kaz in disamina, li f’kull kaz hi wkoll preskritta a tenur tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili.
3. Bla pregudizzju u fil-meritu t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jista’ jigi ppruvat.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tat-18 ta’ Jannar, 1999 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza bil-mod segwenti:-
“1 tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut John Mousu` proprio u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
2. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut nomine stante li l-meritu dwarha gie proceduralment sanat u saret id-debita korrezzjoni fl-atti;
3. tirrespingi l-ewwel parti tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine kif dedotti fit-tielet paragrafu tan-nota tal-eccezzjonijiet tieghu in kwantu jirreferu ghall-eccepita preskrizzjoni;
4. tilqa’ limitament (sic) it-tieni parti, tal-eccezzjonijiet kontenuti f’paragrafu 3 tan-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine rigwardanti tpacija kif riflessa fir-riduzzjonijiet maghmulha mill-attur nomine u l-likwidazzjoni tal-Qorti kif fuq inghad fil-korp ta’ din is-sentenza;
5. tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine a bazi tal-preskrizzjoni kwinkwennali kif sollevata mill-kontro-parti;
6. tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut nomine kif dedotti billi dawn huma lkoll preskritti;
7. tilqa’ biss in parte l-bqija tad-domandi tal-konvenut nomine fl-ammonti ridotti mill-attur nomine u fl-ammont globali likwidat minn din il-Qorti;
8. tilqa’ l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet sollevati mill-attur nomine ghall-kontro talba tal-konvenut nomine;
9. tilqa’ limitatament it-tielet eccezzjoni kwantu ghall-ammont likwidat minn din il-Qorti kontra l-konvenut nomine;

10. tiddikjara proceduralment ezawrita l-ewwel talba attrici in kwantu tirreferi ghall-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. tilqa' t-tieni talba limitament (sic) pero` ghas-somma globali ta' LM34,000 = [erbgha u tletin elf lira maltin] fil-konfront biss tal-konvenut nomine, in rappresentanza ta' Mousu` Brothers per saldu tal-pendenzi hemm imsemmijin u bl-interessi dovuta kif mitlub dekorribbli pero` <u>mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni</u> sal-hlas effettiv tal-ammont hekk likwidat";
Dwar il-kap tal-ispejjes l-ewwel qorti ddisponiet illi in kwantu jirreferi ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut proprio tkun a kariku ta' l-attur nomine. Ir-rimanenti spejjes gudizzjarji jithallsu hekk: terz (1/3) mill-attur nomine u zewg terzi (2/3) mill-konvenut nomine.

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza hawn fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors pprezentat fit-8 ta' Frar, 1999 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu laqghet it-talba principali limitatament fis-somma ta' LM34,000 fil-konfront tas-socjeta` appellanti biss u bl-interessi mid-data tac-citazzjoni attrici, u tirrevokha ghall-kumplament billi tilqa' l-hames talbiet msemmija fil-kontrotalba u kif ukoll l-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti, bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici appellata.

Is-socjeta` attrici ma resqet ebda appell mis-sentenza fuq riportata, biss talbet li, ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta taghha, l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta ghandu jigi michud, u dan naturalment anke fil-meritu tas-singoli talbiet imressqa mill-appellanti – bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Jigi rilevat qabel xejn li l-appell tas-socjeta` konvenuta ma jikkoncernax dik il-parti tas-sentenza appellata fejn giet akkolta t-talba attrici limitatament ghall-ammont imsemmi

fis-sentenza. L-appell jikkoncerna biss il-pronuncjament ta’ l-ewwel qorti fir-rigward tal-kontro talba tal-istess socjeta` in kwantu din giet michuda wara li giet milqugha l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` attrici appellata. Infatti l-aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti huwa fis-sens li l-ewwel qorti kienet skorretta meta laqghet din l-eccezzjoni w iddikjarat it-talbiet tas-socjeta` konvenuta preskritti in kwantu, skond is-socjeta` konvenuta, kien hemm rinunzja da parti tal-attur nomine ghall-perjodu preskrittiv, billi wkoll, fi kliem ir-rikors promotur, kien hemm “*rikonoxximent tad-dejn meta l-attur nomine hallas parti minn wiehed mill-claims tal-konvenut nomine b’forma ta’ tpacija billi rriduca t-talba principali tieghu.*” Ghalhekk, u in vista tal-fatt li, skond s-socjeta` appellanti, it-talba rikonvenzjonali tirrizulta pruvata u l-fatti li waslu ghal tali talba mhux ikkontestati, din it-talba kellha tigi akkolta.

**Ikkunsidrat:**

Qabel ma jigi kkunsidrat il-meritu tal-kontro talba u jekk dan jirrizultax pruvat, kif tallega s-socjeta` konvenuta, din il-Qorti trid qabel xejn tezamina u tiddecidi dwar il-kwistjoni ta’ l-estinzjoni ta’ l-azzjoni sollevata fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici, dan ghaliex jkun ezercizzju futili li jigi ezaminat il-meritu tal-kontro talba kemm-il darba l-ewwel qorti kienet korretta fil-konkluzzjonijiet taghha fir-rigward tal-preskrizzjoni. Hekk jidher, in fatti, li huwa mahsub ir-rikors promotur tas-socjeta` appellanti.

**Ikkunsidrat:**

Il-preskrizzjoni hija mezz sabiex wiehed mhux biss jakkwista xi dritt izda wkoll jista’ jwassal ghall-estinzjoni tal-azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghaz-zmien li tghid il-ligi. Il-periodu preskrittiv izda jista` jigi interrott jew sospizz u inoltre meta dan ikun iddekorra jista` jkun hemm rinunzja, kemm espressa kif ukoll tacita, ghall-effetti ta’ dik il-preskrizzjoni b’mod li d-dritt hekk mitluf jigi ravvivat. Fil-kaz in ezami mhux qed jigi sottomess mis-socjeta` konvenuta li l-periodu preskrittiv

sollevat mill-kontro parti ma kienx skada: dan infatti jirrizulta ampjament mill-premessi tal-kontro talba. Lanqas ma qieghed jinghad mis-socjeta` konvenuta li hija kienet b'xi mod interrompiet id-dekors tal-perjodu preskrittiv b'xi mod preskritt mill-ligi. Li qed jigi sottomess mis-socjeta` konvenuta appellanti hu li wara li kien ghalaq il-perjodu preskrittiv u konsegwentement l-azzjoni tas-socjeta` konvenuta ghat-talbiet kontenuti fil-kontro talba kienet estinta, is-socjeta` attrici rrinunzjat ghall-preskrizzjoni u dan billi, sew waqt it-trattativi li nzammu bejn il-kontendenti u kif ukoll bit-tpacija effetwata fil-mori tal-kawza, kien hemm rikonoxximent tad-debitu mis-socjeta` attrici favur is-socjeta` konvenuta, liema rikonoxximent jestingwi l-effetti tal-preskrizzjoni.

In sostenn ta' din is-sottomissjoni s-socjeta` konvenuta appellanti taghmel referenza ghal dak li qal Silvio Coppola fir-rigward tal-mod kif, skond ic-Chairman tas-socjeta` attrici, kellhom jigu mmexxija d-diskussjonijiet mas-socjeta` konvenuta, kif ukoll ghal dak li l-istess John Mousu` jallega li kien intqal minn Albert Mizzi qua Chairman tas-socjeta` attrici. Qed jinghad ukoll li "n-noti ta' riduzzjoni" presentati in atti mis-socjeta` attrici li permezz taghhom l-ammont reklamat fic-citazzjoni gie sostanzjalment ridott, iwasslu ghall-rinunzja tal-preskrizzjoni.

Wara ezami akkurat tal-provi prodotti kif ukoll is-sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta din il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed jigi sottomess mis-socjeta` konvenuta ma ghandu ebda fondament, kemm fattwali, kemm legali. Dan ghar-ragunijiet hawn taht migjuba:-

a) Fix-xhieda tieghu John Mousu` jallega li f'laqgha li nzammet mas- socjeta` attrici f'Jannar, 1990 ic-Chairman tas-socjeta` attrici Albert Mizzi kien sostna li s-socjeta` konvenuta kellha tinghata "widen" ghall-pretensjonijiet taghha u dan apparti kull kunsiderazzjoni ta' preskrizzjoni. Dan il-fatt mhux ikkontestat mis-socjeta` attrici biss jigi rilevat li Albert Mizzi sostna kategorikament li s-socjeta` attrici qatt ma rrikonoxiet li kienet debitrici tas-socjeta` konvenuta mentri Silvio Coppola, ufficjal tas-socjeta` attrici, dejjem sostna li l-inkontri mas-socjeta`

konvenuta nzammu bla pregudizzju reciproku. Issa jirrizulta li l-minuti tal-laqgha meta allegatament Albert Mizzi ppronunzja ruhu bil-mod kif qal John Mousu qatt ma gew ezebiti ghalkemm is-socjeta` konvenuta kellha kull opportunita` li tesigi, anke permezz ta' tahrika tal-persuna responsabbli, li dawn il-minuti jigu prezentati. Jidher ghalhekk li tonqos l-ahjar prova fir-rigward u din il-Qorti, tenut kont ta' dak li xhedu Albert Mizzi u Silvio Coppola, kif ukoll ghar-ragunijiet hawn taht esposti, ma tistax taghti kredibilita` jew piz lil dak li xehed John Mousu`. Rinuzja tacita trid tirrizulta b'mod car u inekwivoku u jrid ikun jidher mill-fatti li jitressqu li hekk ried dak li allegatament irrinunzja.

b) Il-laqgha meta allegatament Albert Mizzi qal id-diskors citat minn John Mousu` sehhet f'Jannar 1990 u cioe` wara li gew istitwiti dawn il-proceduri. Issa huwa ben stabbilit li trattativi mizmuma pendente lite intizi biex tinstab soluzzjoni ghall-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti, jinzammu dejjem bla pregudizzju u l-kontenut ta' dawk it-trattativi, sakemm ma jkunux wassal ghas-soluzzjoni tal-vertenza, ma jista' qatt jigi uzat minn wahda mill-partijiet minghajr il-kunsens tal-kontro parti, u mhux ammissibbli bhlala prova. Infatti x-xhieda ta' Coppola ma thalli ebda dubbju li dak li intqal waqt dawn il-laqghat kien qed jinghad bla pregudizzju..

c) In-noti li permezz taghhom is-socjeta` attrici rriduciet is-somma mitluba fic-citazzjoni wkoll ma jista' jkollhom ebda rifless fuq il-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` attrici. Dan jinghad ghaliex, kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mis-socjeta` konvenuta appellanti, tali riduzzjonijiet ma jammontawx ghar-rikonoxximent ta' xi debitu li s-socjeta` attrici seta` kellha lejn is-socjeta` konvenuta appellanti, izda pjuttost dawn jirriflettu, in parti, l-ammont li kien jifforma meritu tac-cessjoni ta' kreditu inkorporat fil-kuntratt tat-3 ta' Marzu 1982 in atti Nutar Joseph Brincat, u li, kif xhed Joe Caruana Smith, gie sodisfatt fil-mori tal-kawza, u in parti jirraprezenta pagamenti li kienu saru mis-socjeta` konvenuta li, bi zvista, ma kienux gew akkreditati lill-istess socjeta` debitrici. Infatti dan jidher car minn ezami tan-noti rispettivi. Mill-kliem uzat jidher car li ma hemm ebda

relazzjoni bejn l-ammonti ridotti u dak reklamat mis-socjeta` konvenuta fil-kontro talba taghha.

L-aggravju dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni tas-socjeta` konvenuta kif kontenuta fil-kontro talba taghha ghalhekk mhux gustifikat. Dan stabbilit din il-Qorti mhux sejra tezamina l-fondatezza tat-talbiet tas-socjeta` konvenuta hekk kif esposti fil-kontro talba taghha billi dawn, kif sostniet is-sentenza appellata, huma preskritti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------